26 ta' April, 1950

Imhallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Maria Ellul Bonnici et. *versus* Felice Mercieca et. ne.**

## Imghax — Dekorrenza — Likwidazzjoni.

*L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu ikun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha; ghaliex qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li ikun kostitwit in mora.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza preliminari minnha moghtija f'dina l-istess kawza fit-22 ta' Frar 1950 u fejn jidhru migjuba

t-talba u l-eċċezzjonijiet konvenuti, kif ukoll l-attijiet kollha li saru sa ma dina l-Qorti waslet għal dik l-istess deċiżjoni, u fejn jidher li gie deċiż illi ma kienx hemm lok li ssir perizja ta' komputista għaliex ġà ladarba minn dik li saret fil-kawża bejn l-istess partijiet numru 1006/1939, fl-ismijiet "Maria Ellul Bonnici et. vs. Dr. Andrea Pullicino ne." maqtugħa minn dina l-Qorti fid-9 ta' Lulju 1945, u konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Diċembru 1945, kien jirriżulta li r-rendita netta tal-patrimonju partikulari tal-wirt tal-Markiż Vincenzo Bugeja, C.M.G., sas-sena 1931 kien hemm bilanċ ta' £3505. 16. 11, li minnhom wara li tħallsu r-rati tal-legat reklamat u kanonizzat b'dik is-sentenza, kien jibqa' bilanċ suffiċjenti biex jigu mħallsa r-rati reklamati fil-preżenti gudizzju, apparti d-dħul ta' renditi li daħlu jew li kellhom jidħlu minn dak iż-żmien 'il-hawn; u dana salvi d-drittijiet tal-konvenuti nomine kif jingħad f'dik is-sentenza parzjali u preliminari; bl-ispejjeż ta' l-inċident għall-istess konvenuti nomine;

*Omissis;*

**Tikkunsidra;**

Illi, dikjarata minn dina l-Qorti l-verità konstatata, li l-konvenuti nomine għandhom biżżejjed bilanċ ta' renditi f'idejhom migbura............ jibqa' għal dina l-Qorti tirsolvi fil-meritu jekk dawk ir-rati tal-legat humiex jew le dovuti; u fl-aħħarnett jinkombi lilha tirsolvi l-aħħar talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni;

**Tikkunsidra;**

Illi fuq it-tieni talba, kif il-lum limitata u ristretta, jidher li l-istess hija sorretta minn dak li ntqal f'dana l-proċess kemm minn dak li huwa migbur fil-kawża l-oħra............;

Illi dwar l-aħħar talba jingħad illi fil-kawża li għaliha saret riferenza dina l-Qorti, bid-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' Lulju 1945 iddisponiet billi llikwidat it-talbiet u l-vitalizju msemmi fit-taħrika għal ħames snin imsemmija fl-ewwel talba, u ddikjarat li l-istess kien jammonta komplessivament għal £613. 13. 4, u kkundannat lill-mħarrkin nomine jħallsu lill-atturi nofs kull wieħed dik is-somma likwidata bis-sentenza tagħha, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kollha tal-kawża, bla ma ndikat id-data minn meta kellhom jigu kalkolati dawk l-imgħax, u l-konvenuti ħallsu biss mingħajr pregudizzju reċiproka

l-imgħax mill-jum tas-sentenza msemmija. L-atturi jippretendu li, peress illi rriżulta mill-kawża msemmija li l-konvenuti kellhom f'idejhom is-somma ta' £3565. 16. 11 mis-sena 1931, u frattant ma ħallsux il-kreditu ta' l-atturi msemmi, għandu jiġi dikjarat li l-imgħax huwa dovut mid-data tan-notifika ta' l-imsemmi att taċ-ċitazzjoni, u cjoè mill-24 ta' Diċembru 1931, jew data verjuri oħra li tiġi stabbilita, sat-8 ta' Lulju 1945, fuq l-ammont ta' £613. 13. 1; il-għaliex mid-data tas-sentenza fuq imsemmija (9 ta' Lulju 1945) l-imgħax ġie mħallas bla preġudizzju tad-drittijiet reċiproċi;

Tikkunsidra;

Illi mis-sempliċi lettura ta' l-att taċ-ċitazzjoni nru. 1066/1931............ jirriżulta li allura t-talba ta' l-atturi kienet promossa għal-likwidazzjoni, jekk ikun hemm bżonn anki permezz ta' periti nominandi, ta' l-ammont dovut lill-istess atturi............ bil-konsegwenzjali talba għall-kundanna tal-pagament ta' l-ammont li jkun likwidat, bl-imgħax legali;

Illi minn dana jitnissel ċar li l-kalkolu ta' l-imgħax ma setax ħlief jiġi kalkulat wara l-likwidazzjoni mitluba tal-vitalizju msemmi, li saret u ġiet approvata bis-sentenza tad-9 ta' Lulju 1945; minn hemm data kellhom jibdew jitħallsu l-imgħaxijiet, kif jirriżulta mill-istess att taċ-ċitazzjoni odjern li tħallsu;

Illi skond id-dottrina "in subjecta materia", ġie dejjem ritenut li l-imgħaxijiet ma humiex dovuti mit-talba meta d-debitu jkun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u approvazzjoni tagħha; il-għaliex qabel dik l-approvazzjoni d-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit in mora (ara Azuni, Dizionario Universale Ragionato della Giurisprudenza Mercantile, Livorno, Fratelli Masi 1822, voce "Interessi", para. XVII, paġ. 231, 1a. u 2a. colonna in capo, u awturi hemm ċitati; kif ukoll Baldasseroni, Dizionario Rag. di Giurisprudenza Mercantile, Livorno 1883, voce "Interessi", Vol. III, par. VIII, paġ. 420, u para. X paġ. 421—opinjoni li ġiet abbraċċjata anki mill-Qrati Tagħna (ara Appell 25 ta' Ġunju 1874 in re "Vallone vs. Nicosia ne.", u Appell 15 ta' Diċembru 1873 in re "Piscopo vs. Busietta et.", li rispettivament jinstabu publikati fil-Kollez. Vol. VII paġ. 145 u Vol. VI paġ. 718. Prim'Awla Ċivili 8 ta' Diċembru 1903 in re "Mallia Tabone

utrinque", Vol. XVIII, P. II, pag. 131, u in partikulari pagina 133 in capo; Appell 17 ta' Marzu 1905 in re "Gatt ne. vs. Debono", Vol. XIX, pag. 83, in partikulari *pag.* 86 in calce);

Illi kwindi t-tielet talba ta' l-atturi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, mhix sostenibili;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' *u tiddeċidi billi tilqa' t-tieni talba attriċi kif il-lum* ġiet likwidata u ristretta għall-ammont ta' £613. 13. 4, kif ġiet limitata fil-kawża li fil-korp ta' dina s-sentenza saret riferenza għaliha, għall-annati ta' vitalizju mdaħħla għall-aħħar ħames snin qabel l-ittra uffiċjali msemmija; bl-imgħax legali mill-jum tan-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni odjerna; *u tastjeni rubha* milli tiddeċidi ulterjorment fuq dina t-talba, il-għaliex l-ammont ulterjuri reklamat oriġinarjament ġie rinunzjat; bl-ispejjeż għar-rinunzjanti, u l-ispejjeż tat-talba akkolta għall-konvenuti nomine; u t-tieni nett tiċħad it-tielet talba attriċi, *bl-ispejjeż* għall-atturi bejniethom nofs kull wieħed; u billi ġà preliminarment iddeċediet fuq l-ewwel talba, b'hekk tponi fini għall-kawża preżenti.